# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.8/3.9

**Kap 3: Il-qalb tajba**

**Lezzjoni 3.8/3.9: L-Att tal-Indiema**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jkomplu jagħrfu li għandhom bżonn jitolbu.
2. Jagħrfu li jridu jitolbu għal nies differenti.
3. Jitghallmu l-Att tal-Indiema.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Logħba fuq l-IWB.
- Karta ta' Tahrig 3.6



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lit-tfal: 'Filgħodu, x'inhi l-ewwel ħaġa li nagħmlu l-iskola?
  - It-tfal jgħidu t-talba.



- Iddiskuti: 'Waqt din it-talba għal min nitolbu?
- It-tfal jirrispondu li jitolbu għal kulħadd biex ikollu ġurnata tajba u biex nagħmlu x-xogħol tajjeb.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Fakkar li aħna dejjem nibdew ix-xogħol tagħna bit-talb. Nitolbu qabel nieklu, wara r-rikreazzjoni, qabel imorru d-dar eċċ. Meta t-tfal ikollhom lil xi ħadd tal-familja ma jiflaħx jew ikun miet xi ħadd li jafu huma jieħdu gost jiġu l-iskola u jħeġġu lill-għalliema biex tgħid talba.
2. Iddiskuti u fakkar fil-lezzjoni li jkunu diġà għamlu li Ġesù wkoll kien jitlob u għalhekk aħna wkoll għandna bżonn nitolbu lil Missierna li qiegħed fis-sema.
3. Enfasizza li mhux sewwa li nitolbu biex naqilgħu dejjem aħna eż. Ngħaddu minn xi test, naqalgħu xi rigal eċċ.
4. L-għalliema issa tgħidilhom biex iħarsu lejn id waħda.

- **L-id** tista' tfakkarna għal min għandna nitolbu:

  Nibdew bis-**suba' l-kbir**. Meta niftħu idna dan ikun iħares lejn il-qalb għalhekk nitolbu għal xi ħadd li aħna nħobbu.



**Is-suba' l-werrej** ifakkarna f'xi ħadd li qiegħed 'il bogħod għax bih nippuntaw. Dan jista' jkun xi ħadd li joqgħod 'il bogħod, miġġieled magħna.

**Is-suba' tan-nofs** huwa l-itwal. Dan ifakkarna f'xi ħadd importanti. Nistgħu nitolbu għas-surmast, għall-president eċċ.

**Ir-raba' suba'** huwa l-uniku suba' li ma nkunux nistgħu nżommu miftuħ. Dan għandu jfakkarna f'xi ħadd li huwa batut, marid jew b'xi diżabilità.

**Is-suba' ż-żgħir** ifakkarna f'xi ħadd żgħir. Ngħidulhom li huma għadhom żgħar għalhekk se nitolbu għalihom stess.

5. Uri l- logħba fuq IWB ta' talb differenti għan-nies differenti li jkun mgħotti u huma jibdew jikxfuh ftit, ftit u jridu jindunaw għal min hu. Fil-logħba jkun hemm talb għall-ġenituri, għan-nanniet, għaz-zijiet, għal ħut it-tfal, għall-għalliema, għas-surmast, għall-morda eċċ.

6. Qassam karti żgħar li fuqhom tħeġġeġ lit-tfal biex jiktbu talba għal min iridu huma mingħajr ma jiktbu isimhom. Tweġħedhom li flimkien miegħek, fil-klassi, jibdew jaqraw dawn it-talb waħda kuljum u tfakkarhom li meta nitolbu flimkien Alla aktar jieħu gost bina.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

- Tajjeb li nitolbu kuljum.
- Tajjeb li nitolbu għan-nies differenti u mhux biex nieħdu l-affarijiet aħna biss.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal irabbu fihom ix-xewqa li jgħinu dejjem.
- Juru li huma dejjem lesti li jgħinu kemm u kif jistgħu, ta' tfal li huma.
- Juru li jgħinu lil xulxin anke meta jitolbu.



## Nitolbu

Mulej Ġesù,

Għallimna nitolbu.

Ammen.

